MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2008

Avviz Numru. 191/2006

**L-Onorevoli Silvio Parnis**

**vs**

**Jean Pierre Debono u Victor Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat it-30 ta' Gunju tas-sena 2006 li permezz tieghu r-rikorrent ressaq lill-intimati quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx:

1. Prevja d-dikjarazzjoni ta' din il-qorti illi l-allegazzjonijiet maghmula fil-kitba tal-intimat Jean Pierre Debono bit-titolu **"Kazi dwar wirt u xiri ta' propjeta` quddiem l-amministrazzjoni tal-MLP fil-kaz ta' Silvio**

**Parnis"** li dehret fil-harga tal-gurnal "Il-Mument", tal-25 ta' Gunju tas-sena 2006, (Dokument A), li tieghu l-konvenut Victor Camilleri huwa editor, huma malafamanti u libelluzi fil-konfront ta' l-attur u kellhom l-iskop li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni ta' l-istess attur;

2. Illi jhallsu lir-rikorrent dik is-somma li ma teccedix hamest elef Liri Maltin, (LM5,000.00,0) ai termini ta' l-artikolu 28 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Bl-ispejjez u jibqghu ngunti in subizzjoni;

Rat ir-risposta ta' l-intimati datata s-26 ta' Lulju tas-sena 2006 li permezz taghha ecceppew is-segwenti:

1. Illi l-kontenut tal-artiklu jammonta ghall-`*fair comment*` dwar fatti sostanzjalment korretti;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri meta l-attur jispecifika l-parti jew partijiet tal-artiklu li huwa jallega li huma libelluzi;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-procedura odjerna taf il-genesi taghha ghall-artikolu intitolat **"Kazi dwar wirt u xiri ta' proprjeta' quddiem l-amministrazzjoni tal-MLP fil-kaz ta' Silvio Parnis"** li deher fil-gurnal settimanali "Il-Mument" fil-harga tal-Hadd, 25 ta' Gunju tas-sena 2006;

2. Illi fil-qosor, dan l-artikolu jsostni s-segwenti:

i. Illi qed jizvela kif kienet qed tasal informazzjoni ghand il-partit Laburista Malti rigwardanti kazi ta' wirt ta' proprjeta` li ghaddiet ghand ir-rikorrent minn xi anzjani;

ii. Illi hemm nies fl-istess partit fuq indikat li qed jahdmu kontra r-rikorrent;

iii. Illi dawn l-istess persuni qed jenfasizzaw kif persuna li m'ghandhiex impjieg jew professjoni redditizja tista' takkwista din il-proprjeta` kollha;

iv. Illi dawn qed jimbuttaw ukoll biex tittiehed azzjoni dixxiplinarja fil-konfront tar-rikorrent;

v. Illi l-istess partit ghandu jinsisti li r-rikorrent jipprezenta l-kotba finanzjarji tieghu awditjati ta' l-ghaqda filantropika li jmexxi li ggib l-isem "M'intix Wahdek";

vi. Illi allegaw ukoll li l-ghaqda msemmija fil-paragrafu precedenti sservi ta' paraventu ghall-affarijiet illeciti;

vii. Illi bhala prova, l-istess intimati jsostnu, u dan wiehed bhala artikolist u l-iehor bhala editor, li hemm ukoll membri ohra tal-familja tar-rikorrent li huma nvoluti f'din il-messa in scena;

viii. Illi tefghu wkoll dubji rigward il-fatt li r-rikorrent jixtri hin prominenti biex ikun jista' jxandar il-programm tieghu;

ix. Illi indirizzaw ukoll xi abbuz li r-rikorrent allegatament ghamel fi proprjeta` u flus ta' anzjani;

Ikkunsidrat:

Illi l-artikolu de quo gie miktub mill-intimat Jean Pierre Debono, filwaqt li l-intimat Victor Camilleri ikkonferma personalment bil-gurament li hu kien l-editur tal-gurnal de quo fejn awtorizza l-pubblikazzjoni ta' l-istess artikolu wara li kien anke qrah, (ara fol 42);

Ikkunsidrat:

Illi r-rikorrent fuq indikat hassu malafamat bis-segwenti:

1. Illi ghalkemm jissemma post f'San Pawl il-Bahar li gie allegat li r-rikorrent wiret minn anzjana u li l-partit Laburista intalab jinvestiga fir-rigward, isostni li dan mhux minnu;

2. Illi jsostni li l-unika proprjeta` li r-rikorrent wiret minn anzjana kienet grat madwar sbatax (17)-il sena ilu – u dan, aktar mill-post fit-tifsir konvenzjonali tal-kelma, kien effettivament gnien b'xi kmamar go fih, (ara fol 14);

3. Illi dan kien sar permezz ta' testament ta' Arthur u Hilda Zammit, minghajr prole, (ara fol 15), u hu datat it-18 ta' Lulju ta' l-1991;

4. Illi f'dak il-perjodu l-istess rikorrent jafferma li la kien membru parlamentari u lanqas sindku;

5. Illi fl-artikolu l-aspett temporali hu manipolat billi tinghata l-impressjoni lill-qarrej normali li dan sehh recetnement, mentri dan grossolanament mhux il-kaz;

6. Illi ghalkemm fl-istess artikolu kif fuq rilevat, hu sostnut li r-rikorrent m'ghandux impjieg jew professjoni li jistghu jsostnuh, ir-rikorrent jafferma li effettivament hu impjegat mal-Gvern fic-Centru tas-Sahha tar-Rabat, Malta, bhala "supervisor", u jircievi, bhal membri l-ohra, l-onorarju tal-Parlament;

7. Illi dawn iz-zewg cirkostanzi huma ta' dominju pubbliku u facilment verifikabbli;

8. Illi r-rikorrent ukoll jafferma li ghandu proprjeta` Hal-Tarxien, regolarment akkwistata permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Sammut permezz ta' kuntratt datat it-12 t'Ottubru tas-sena 2001, u li biex xtrah effettwa l-arrangamenti finanzjarji u bankarji regolari u trasparenti skond il-ligi, (ara fol 15);

9. Illi jafferma wkoll li f'dan il-perjodu la kien fil-parlament u lanqas fil-kunsill ta' xi lokal;

10. Illi peress li kien ukoll dahal f'dik li hi komunement imsejha "bridge loan", li m'hi xejn hlief self finanzjarju temporanju sakemm min qed jissellef mill-bank, f'dan il-kaz, ikollu nifs bizzejjed sakemm ibiegh proprjeta` ohra u wara jittermina s-self temporanju billi jaghti r-rikavat ta' l-istess bejgh lill-bank ghas-saldu ta' l-istess self;

11. Illi l-istess rikorrent jidhol f'aktar dettal – ghalkemm mhux necessarju – u jinforma lill-qorti bis-segwenti:

i. illi kellu garaxx f'Rahal Gdid u ikkonvertieh f'ufficcju;

ii. illi dan il-garaxx inxtara permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Mangion u datat it-3 t'Awissu tas-sena 2000;

iii. Illi ghandu ko-proprjeta` ta' bicca art iz-Zejtun u jafferma li xtara sehemu wara li biegh il-karozza li kellu, u anke peress li sab li ma kellhomx flus bizzejjed biex jixtru l-art de quo dahhlu persuna ohra fin-negozju;

iv. Illi fir-rigward ta' din il-bicca art iz-Zejtun, jafferma li ser ibiegh sehemu lil huh;

v. Illi rigward garaxx iehor f'Hal-Tarxien, dan jafferma li xtrah ghaliex imiss mar-residenza tieghu u jithallas kompletament madwar is-sena 2011;

12. Illi rigward l-allegazzjoni li l-partit tar-rikorrent qed jaffettwa xi investigazzjoni fil-konfront tieghu, dan gie

kategorikament michud kemm mir-rikorrent kif ukoll mis-Segretarju ta’ l-istess partit, anzi dan ta’ l-ahhar jirribadixxi bil-gurament li la hemm xi forma pressjoni ghall-tali investigazzjoni u lanqas ircevew xi ittri fir-rigward;

13. Illi jirrizulta li kien l-istess rikorrent li kiteb lill-Kummissarju tal-Pulizija fl-1 ta’ Gunju tas-sena 2006 biex jinvestiga xi ittri anonimi li kienu qed jiccirkolaw fil-konfront tieghu, u lill-Bord tal-Vigilanza ta’ l-istess partit biex jaghmel l-istess;

14. Illi rigward ix-xoghol filantropiku tar-rikorrent jinghad li dan isir bi trasparenza u meta jingabru xi donazzjonijiet mill-pubbliku dejjem tinghata d-debita ricevuta u huma skrutinati skond il-ligi minn awditur;

15. Illi l-flus li jinghataw jigu kollha uzati ghall-familji fil-bzonn u kategorikament jichad li juza l-istess ghaqda bhala paraventu nefast kif allegat malinjament mill-intimati;

16. Illi meta r-rikorrent kien gie mwaqqaf il-programm televiziv tieghu minn Super One Television, dan kien sar fuq decizjoni tal-partit tieghu billi dan kien ha decizjoni li l-ebda deputat jew kandidat li kienu ser jippartecipaw fl-elezzjoni tas-sena 2008 ma’ seta’ jkollu access bhal dan ghaliex seta’ jinghata vantagg illecitu fil-konfront ta’ ohrajn li ma kellhomx l-istess possibilita`;

17. Illi l-“air time” mixtri mir-rikorrent fuq “Smash Television” hu mixtri bl-aktar mod trasparenti bhal ma jixtrieh utent iehor;

18. Illi jirrizulta mix-xhieda guramentata tar-rikorrent li marbut b’mod strett ma’ l-artikolu de quo kien hemm diversi “features” televizivi mxandra fuq Net Television li jkomplu jaccentwaw l-allegazzjonijiet malinni ppubblikati fl-artikolu de quo;

19. Illi b'hekk jintwera li kienet qed tigi adoperata strategija mahmuga bbazata fuq orkestrazzjoni pre-ordinata u mmexxija b'regista mohbi bil-ghan li jhammgu l-karattru tar-rikorrent;

Ikkunsidrat:

Illi l-posizzjoni ta' l-intimati tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi minghajr ma gie mitlub xejn fir-rigward l-intimat Debono nforma lill-qorti li ma kienx obbligat jizvela s-sorsi tieghu – haga li llum hija assodata – u li qed jigi sollennement affermat li la l-qorti u lanqas il-kontroparti ma indagaw, saqsewh fir-rigward, jew ippretendew li ghandhom jipprosegwixxu;

2. Illi l-istess intimat indikat fil-paragrafu precedenti jafferma li kien qed jirrizultalu dak minnu allegat, u jafferma li l-partit tar-rikorrent ha xi decizjonijiet rigward il-programm tar-rikorrent;

3. Illi rigward pressjoni li kienet qed issir fil-konfront tar-rikorrent, jistrih fuq l-allegazzjoni mhux ipprovata tieghu u l-mexxej laburista tal-perjodu kien qal li rcieva kwantita` ta' ittri dwaru;

4. Illi jerga' jafferma li minhabba x-xoghol filantropiku tar-rikorrent, anzjani gew raggirati biex ihallu proprjeta` lir-rikorrent, (ara fol 37), u jaghti storja minghajr ma jissostanzjaha, (ara fol 37);

5. Illi f'udjenza ulterjuri jafferma li vverifika l-fatti minnu allegati mas-sors tieghu u dan rega' kkonferma dak li kien ghadda lill-intimat;

6. Illi meta l-intimat ingibditlu l-attenzjoni li la ma kellux id-dettalji dokumentati f'dan l-istadju tardiv tal-procedura, allura logikament lanqas kellu din l-informazzjoni meta kiteb l-artikolu inkriminat, jafferma li hu qaghad fuq id-dettalji tas-sorsi tieghu u accettahom minghajr m'ghaddihom mill-passatur serju tal-verifika razjonali;

Ikkunsidrat:

Illi l-oneru sagrosant li ghandu kull gurnalist li verament jisthoqqlu dan l-attribut hu li f'xoghlu jkun serju, hieles u rispettuz ghad-drittijiet fundamentali ta' **kull** persuna minghajr ma jkun selettiv biex jissodisfa lil min ikun qed jalimentah;

Illi jekk persuna li tkun qed tilbes il-maskla ta' gurnalist tagixxi biss biex iggib 'l quddiem l-agenda mohbija ta' min qed izommha ekonomikament paxxuta, allura dan ma jkun xejn hlief li qed jimxi wara Dr. Faustes u ma jimmeritax hlief li jispicca bhalu;

Ikkunsidrat:

Illi in effetti jirrizulta li d-difiza skritta u verbali ta' l-intimati tistrieh biss fuq il-fatt li kull ma ghamlu kien biss "kummenti gusti" fuq fatti sostanzjalment korretti;

Illi mill-analizi fattwali tas-suespost jirrizulta pacifiku li l-intimati kkapparaw xi allegazzjonijiet ta' persuni li ma kellhomx il-fibra morali li jissottoponu ruhhom ghall-iskrutinju rikjest mis-sovvranita` tad-dritt, mhux biss, izda addirittura minghajr ma jeffettwaw verifika serja, jippubblikaw allegazzjonijiet intizi li jattakkaw il-fibra profonda tar-rikorrent – kollu biex jakkwistaw xi punti politici li fl-ahhar mill-ahhar ma jaghmlux id-differenza li jippretendu li jaghmlu, hlief li jweggghu profondament lil dak li jinzerta l-mira ta' din l-orkestrazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi ghandu jkun pacifiku li l-**`kumment`** mhux **`fatt`**;

Illi ghalhekk il-**`fatt`** ghandu jkun fatt u biex ikun hekk irid ikun verifikat u assodat b'mod serju u razjonalizzat;

Illi ghalhekk kwalunkwe **`kumment`** li l-origini tieghu ma tkunx dan il-fatt, ipprovat u oggettivament verifikat, allura l-awtur ikun qed jerfa' responsabbilita` kbira u m'ghandux ghalfejn jiskanta meta jhoss fuqu s-sahha tal-ligi ghaliex hu ma qaghadx jiskrupla jhammeg il-karattru ta' dak li jkun – anke jekk dan ikun politiku u allura espost ferm aktar ghall-kritika u fejn il-komma fir-rigward hi aktar wiesgha minn dik rigwardanti cittadin anonimu;

Ikkunsidrat:

Illi kif irriteniet il-Qorti ta' l-Appell f'Sammut vs Caruana Galizia et tad-9 ta' Jannar tas-sena 2008:

*"Il-ligijiet jaffermaw b'rilevanza t-tutela tal-persuna, kemm bhala singolu, kif ukoll bhala komponenti fil-formazzjoni socjali u professjonali li fih jesplika l-personalita` tieghu. Din it-tutela b'fundament Kostituzzjonali u Konvenzjonali, hi diretta ghall-harsien unitarju ta' l-immagini, l-isem, l-unur u r-reputazzjoni tal-persuna. Pari passu ma' din it-tutela hemm, imbaghad, id-dritt ta' l-espressjoni libera li hu wkoll fundamentali";*

Illi pero`, kif ammonit l-istess qorti superjuri fuq indikata, l-ezercizzju ta' dan l-ahhar dritt m'ghandux jitqies bhala xi brevett biex wiehed jikteb li jrid fuq dak li jinzerta fil-mira tal-artikolist malinn u f'dan is-sens, a skans ta' ripetizzjoni inutili, issir referenza ghall-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana tat-13 ta' Frar, tas-sena 2007 hemm citata li stabbiliet il-kundizzjonijiet essenzjali rikjesti fl-ezercizzju tad-dritt veru tal-liberta` ta' l-istampa stante li dan id-dritt jghaddi minn gurnalisti serji li b'sagrificcju jaffermaw bi dritt wara verifiki serji u mhux minn pupazzi mmexxija bi hbula invizibbli

biex jissodisfaw l-iskopijiet li jista' jkollu min jimmanuvrahom;

Ikkunsidrat:

Illi kif jirrizulta mill-analizi tal-fatti kif fuq esposti, l-artikolist intimat ghazel li jservi ta' mezz f'idejn min jalimentah biex ixerred u jxandar fatti li ma kienux minnu verifikati u li effettivament li rrizultaw li m'huma xejn hlief damma ta' inasetezzi voluti fil-konfront tar-rikorrent;

Illi ghalhekk jirrizulta assodat li l-artikolu de quo m'hu xejn hlief manipulazzjoni nefasta li socjeta` hielsa, demokratika, trasparenti u verament rispettuza tad-drittijiet fundamentali ta' **kull** persuna fl-istess socjeta` tezigi minn kull min jaghzel li jippubblika fl-istampa;

Ikkunsidrat:

Illi in vista tas-suespost tirrespingi r-risposta ta' l-intimati fl-interezza taghha u takkolji t-talbiet tar-rikorrent u konsegwentement:

1. Tiddikjara li l-artikolu meritu ta' din il-procedura intitolat **"Kazi dwar wirt u xiri ta' propjeta` quddiem l-amministrazzjoni tal-MLP fil-kaz ta' Silvio Parnis"** li deher fil-Mument tal-25 ta' Gunju tas-sena 2006, hu effettivament malafamanti fil-konfront tar-rikorrent Silvio Parnis;

2. Illi biex allura tkun tista' tghaddi ghall-fazi successiva tal-vertenza u tistabilixxi, kif statutorjament impost, il-quantum finanzjarju prefiss biex jaghmel tajjeb ghad-dannu morali riskontrat fir-reputazzjoni tar-rikorrent fuq indikat, taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet "Victor Borg vs Victor Camilleri et" datata l-15 ta' Novembru ta' l-1994 fejn gie ritenut is-segwenti:

*“Id-danni li ghandha tillikwida l-qorti ghall-hsara sofferta mill-atturi mhux soggetta ghal xi regoli bhal fil-kaz ta’ danni reali kontemplati fil-Kodici Civili. Il-Ligi ta’ l-Istampa thalli l-likwidazzjoni tal-kumpens fid-diskrezzjoni kompleta tal-gudikant b’limitu ta’ elfejn Lira Maltin, (LM2,000.00,0), (liema limitu kien sussegwentement estiz ghall-ammont ta’ hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0), illum hdax-il elf, sitt mija, sitta u erbghin Ewro, u sitta u tmenin centezmu, (€11,646.86);*

3. Illi biex din il-qorti tkun tista’ tafferma r-rettitudni ta’ dan l-ezercizzju hekk delikat stante li hu bbazat fuq id-diskrezzjoni tal-gudikant, tiehu l-opportunita` biex bi trasparenza taghmel referenza ghas-segwenti;

i. Illi l-allegazzjonijiet migbura mill-intimat awtur ta’ l-artikolu de quo ma gewx skrutinati, analizzati u ezaminati minnu, jew mill-funzjonarji li mieghu jimmilitaw fil-gazzetta de quo qabel ma ghadda ghall-fazi successiva tal-pubblikazzjoni;

ii. Illi l-effett fuq ir-rikorrent kien potenzjalment wiehed kemm politikament kif ukoll personalment devastanti;

iii. Illi l-pregudizzju politiku ma jirrizultax li qed jippermetti lill-artikolist ihares lejn l-allegazzjonijiet minnu migbura b’distakk oggettiv;

iv. Illi dan il-pregudizzju jidher li gie wkoll sostenut mill-editu fuq indikat;

v. Illi l-intimat editur, missu wera aktar maturita` editorjali u meta l-artikolu wasal quddiemu ghall-pubblikazzjoni kellu d-dover li jara li jkun oggettivament u fattwalment sostanzjat biex b’hekk wiehed ikun legittimament jista’ jikkummenta b’mod verament gust;

U biex tissottolinea l-fatt li l-pajjiz qed jirribella, jrid jimmatura, u ma jittollerax aktar lill-dawn il-manipolaturi politici li jqarqu aktar bih ghall-iskopijiet politici taghhom

billi jistultifikaw l-oggettivita` u jelevaw l-intolleranza politika;

4. Tikkundanna lill-intimati Jean Pierre Debono u Victor Camilleri biex ihallsu lir-rikorrent Silvio Parnis l-ammont ta' sitt elef Ewro, (€6,000.00) kull wiehed, bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-istess intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------